Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0101(COD)

26.9.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni
(COM(2025)0186 – C10-0069/2025 – 2025/0101(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Alessandro Ciriani

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 13

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni
(COM(2025)0186 – C10-0069/2025 – 2025/0101(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0186),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 78(2) il-punt (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0069/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tas-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-pajjiżi kandidati tal-UE ngħataw dan l-istatus mill-Kunsill Ewropew permezz ta' deċiżjoni unanima, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. B'mod partikolari, fir-rigward tal-kriterji politiċi għas-sħubija fl-UE, il-pajjiżi kandidati tal-UE nstabu li għamlu progress biex jilħqu l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom. Għalhekk, jista' jiġi konklużż li dawk il-pajjiżi terzi li ngħataw status ta' kandidat tal-UE jenħtieġ li jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri, ħlief fejn ***japplikaw iċ-ċirkostanzi*** li ġejjin: ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż; jiġu adottati miżuri restrittivi skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tal-pajjiż***; jew meta r-rata*** ta' rikonoxximent fl-UE kollha li tappartjeni għall-applikanti mill-pajjiż tkun ogħla minn 20 %.	(6) Il-pajjiżi kandidati tal-UE ngħataw dan l-istatus mill-Kunsill Ewropew permezz ta' deċiżjoni unanima, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. B'mod partikolari, fir-rigward tal-kriterji politiċi għas-sħubija fl-UE, il-pajjiżi kandidati tal-UE nstabu li għamlu progress biex jilħqu l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom. Għalhekk, jista' jiġi konklużż li dawk il-pajjiżi terzi li ngħataw status ta' kandidat tal-UE jenħtieġ li jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri, ħlief fejn ***tapplika kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi*** li ġejjin: ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż***, sakemm it-theddida tkun limitata għal żona ġeografika speċifika u l-pajżan jista' jaċċessa protezzjoni effettiva f'parti oħra tal-pajjiż***; jiġu adottati miżuri restrittivi skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tal-pajjiż ***u liema miżuri jaffettwaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u li huma rilevanti għad-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur; ir-rata*** ta' rikonoxximent fl-UE kollha li tappartjeni għall-applikanti mill-pajjiż tkun ogħla minn 20 %.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri kollha, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ċar u kkoordinat biex jiġi ddeterminat meta pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni jenħtieġ li ma jibqax jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur. Sabiex tipprovdi ċertezza legali, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet regolari u oġġettivi taċ-ċirkostanzi rilevanti u, fejn xieraq, tikkomunika s-sejbiet tagħha lill-Istati Membri permezz ta' notifika formali. Din in-notifika jenħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku u jenħtieġ li tidħol fis-seħħ b'mod uniformi madwar l-Unjoni minn data speċifikata.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Fir-rigward tal-Indja, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, disa' Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Indja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Indja kienet ta' 2 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Indja hija repubblika kostituzzjonali u demokrazija parlamentari. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Indja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament	(11) Fir-rigward tal-Indja, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, disa' Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Indja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Indja kienet ta' 2 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Indja hija repubblika kostituzzjonali u demokrazija parlamentari. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Indja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament

inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju fissens tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Filwaqt li l-Indja żżomm il-piena tal-mewt fil-liġi kriminali tagħha u ma ffirmatx it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, madankollu, il-piena tal-mewt ma ġietx applikata fil-prattika mill-2020. L-Indja ***rratifikat*** il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fl-Indja u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.	inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju fissens tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Filwaqt li l-Indja żżomm il-piena tal-mewt fil-liġi kriminali tagħha u ma ffirmatx it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, madankollu, il-piena tal-mewt ma ġietx applikata fil-prattika mill-2020. L-Indja ***ffirmat*** il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fl-Indja u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.
	Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***Madankollu, meta*** jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, ***jenħtieġ li*** dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.	(16) ***Meta*** jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, ***jista' jiġi konkluż li*** dawn ***jissodisfaw il-kriterji biex*** jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiddeżinjaw pajjiżi terzi oħra bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell nazzjonali u għad-deżinjazzjoni futura possibbli ta' pajjiżi terzi addizzjonali bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni permezz***

ta' emendi futuri għar-Regolament (UE) 2024/1348.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tinżamm il-flessibbiltà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha biex jirreaġixxu għaċ-ċirkostanzi li qed jevolvu, huwa xieraq li jiġi ċċarat li l-istabbiliment ta' lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu fil-livell tal-Unjoni ma jipprekludix il-possibbiltà li l-Istati Membri jżommu jew jadottaw deżinjazzjonijiet nazzjonali ta' pajjiżi terzi oħra bħala sikuri, u lanqas ma jeskludi l-inklużjoni futura ta' pajjiżi terzi addizzjonali fil-lista tal-UE.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta wieħed iqis li s-sitwazzjoni migratorja tista' tinbidel malajr u li hemm pressjoni akbar li tirriżulta mill-wasliet ta' flussi mħallta bi proporzjon għoli ta' dawk b'opportunitajiet baxxi li jirċievu protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-raġuni għall-aċċellerazzjoni tal-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ***41(1)(j)*** tar-Regolament (UE) 2024/1348, minn data aktar kmieni mid-data ġenerali tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Dan jippermetti lill-Istati Membri jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-bidliet fil-flussi migratorji. Meta jitqies li l-applikazzjonijiet minn tali applikanti x'aktarx li jkunu bla bażi, l-indirizzar tagħhom malajr fi proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera jippermetti lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti t-talbiet ġenwini, jieħdu deċiżjonijiet aktar rapidi u b'hekk jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki dwar l-ażil u r-ritorn, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.	(18) Meta wieħed iqis li s-sitwazzjoni migratorja tista' tinbidel malajr u li hemm pressjoni akbar li tirriżulta mill-wasliet ta' flussi mħallta bi proporzjon għoli ta' dawk b'opportunitajiet baxxi li jirċievu protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-raġuni għall-aċċellerazzjoni tal-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ***42(1)(j)*** tar-Regolament (UE) 2024/1348, minn data aktar kmieni mid-data ġenerali tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Dan jippermetti lill-Istati Membri jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-bidliet fil-flussi migratorji. Meta jitqies li l-applikazzjonijiet minn tali applikanti x'aktarx li jkunu bla bażi, l-indirizzar tagħhom malajr fi proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera jippermetti lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti t-talbiet ġenwini, jieħdu deċiżjonijiet aktar rapidi u b'hekk jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki dwar l-ażil u r-ritorn, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' stati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni huma ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, sakemm ma tapplikax ***waħda*** miċ-ċirkostanzi li ġejjin:	1. Il-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' stati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni huma ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, sakemm ma tapplikax ***għalihom*** waħda ***jew aktar*** miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;	(a) ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż***, sakemm it-theddida ma tkunx limitata għal żona ġeografika speċifika u l-pajżan jista' jaċċessa protezzjoni effettiva f'parti oħra tal-pajjiż***;

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiġu adottati miżuri restrittivi skont	(b) jiġu adottati miżuri restrittivi skont

it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl ***tal-azzjonijiet*** tal-pajjiż;	it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl ***ta' dawk l-azzjonijiet*** tal-pajjiż ***li qed jaffettwaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u li huma rilevanti għad-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur kif stabbilit fl-Artikolu 61***;

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tivvaluta regolarment jekk xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-punti (a), (b), jew (c) tapplikax għal pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni. F'dak il-każ, hija għandha toħroġ notifika formali lill-Istati Membri, u tispeċifika d-data minn meta l-pajjiż ikkonċernat ma għandux jibqa' jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri kollha u biex tingħata ċertezza legali, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ċar u kkoordinat biex jiġi ddeterminat meta pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni jenħtieġ li ma jibqax jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur jew jekk jistax jerġa' jiddaħħal wara sospensjoni.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha wkoll toħroġ notifika formali lill-Istati Membri meta tikkonkludi li ċ-ċirkostanzi msemmija fil-punti (a), (b), jew (c) ma għadhomx japplikaw. F'każijiet bħal dawn, id-dežinjazzjoni tal-pajjiż bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni tista' terġa' tiddaħħal, b'effett mid-data indikata fin-notifika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri kollha u biex tingħata ċertezza legali, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ċar u kkoordinat biex jiġi ddeterminat meta pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni jenħtieġ li ma jibqax jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur jew jekk jistax jerġa' jiddaħħal wara sospensjoni.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 79 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Madankollu, l-Artikolu 59(2), l-Artikolu 61(2) u l-Artikolu 61(5) il-punt (b) għandhom japplikaw mill-jum tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE).../... [li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348] fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż ***terz*** sikur" f'konformità mal-Artikoli 36 u 37 tad-Direttiva 2013/32/UE u dak ta' "pajjiż ***ta' oriġini*** sikur" f'konformità mal-Artikolu 38 tad-Direttiva 2013/32/UE.***"***;	Madankollu, l-Artikolu 59(2), l-Artikolu 61(2) u l-Artikolu 61(5) il-punt (b) għandhom japplikaw mill-jum tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE).../... [li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348] fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż ***ta' oriġini*** sikur" f'konformità mal-Artikoli 36 u 37 tad-Direttiva 2013/32/UE u dak ta' "pajjiż ***terz*** sikur" f'konformità mal-Artikolu 38 tad-Direttiva 2013/32/UE.;

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Din il-proposta tikkostitwixxi pass strateġiku u meħtieġ biex jissaħħaħ il-perkors operazzjonali tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni, peress li għandha l-għan li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur, inkluż permezz ta' lista ta' pajjiżi terzi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-UE, u li tantiċipa l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Patt dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni, b'mod partikolari dawk li jinsabu fir-Regolament (UE) 2024/1348 li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE ("ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil"), issa skedat għal Ġunju 2026.

Il-proposta għal regolament, tindika dawk il-pajjiżi li ngħataw status ta' kandidat tal-UE kif ukoll status ta' kandidat potenzjali għall-adeżjoni bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-UE, u tistabbilixxi lista ta' pajjiżi ta' oriġini addizzjonali meqjusa sikuri fil-livell tal-Unjoni, liema lista tinsab fl-Anness II, iżda li wkoll tantiċipa l-possibbiltà li jiġu indikati pajjiżi ta' oriġini sikuri b'eċċezzjonijiet għal ċerti partijiet tat-territorju jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar, u b'hekk toffri aktar flessibbiltà lill-Istati Membri fil-livell nazzjonali, u tantiċipa l-possibbiltà li jiġu pproċessati applikazzjonijiet magħmula minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom il-proporzjon ta' deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali fil-livell tal-UE huwa ugwali għal, jew anqas minn, 20 % fil-kuntest ta' proċedura mal-fruntiera jew proċedura aċċellerata;

F'kuntest ġeopolitiku u migratorju li qed jinbidel malajr, l-Unjoni bdiet bidla fundamentali fil-ġestjoni tal-flussi migratorji, b'mod determinat, u gradwalment tbiegħdet minn approċċi ineffettivi tal-mudelli tal-passat. Din l-orjentazzjoni politika u regolatorja ġdida hija bbażata fuq viżjoni aktar strutturata, prammatika u konsistenti mal-ħtiġijiet urġenti tas-sigurtà, tal-effiċjenza u tas-solidarjetà u tirrifletti r-rieda ċara li l-Unjoni tiġi mgħammra b'għodod komuni, f'waqthom u legalment robusti, li jkunu kapaċi jindirizzaw l-isfidi migratorji b'mod sikur u sostenibbli, b'rispett sħiħ tal-prinċipji fundamentali tal-ordni ġuridiku Ewropew. Il-proposta, fil-fatt, tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, inkluż id-dritt għall-ażil u għall-protezzjoni kontra r-refoulement kif previst fl-Artikoli 18 u 19 tal-Karta.

Għalhekk, nilqgħu l-proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li nirrikonoxxu l-valur strateġiku tagħha, u dan jagħmilha possibbli li jiġu antiċipati d-dispożizzjonijiet l-aktar urġenti u operazzjonali tal-Patt, filwaqt li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jaġixxu diġà fi żmien qasir.

Din l-aċċellerazzjoni, meta mqabbla mal-perjodu ta' żmien inizjali, hija ġġustifikata peress li huwa meħtieġ li jiġi evitat li l-Unjoni u l-Istati Membri jibqgħu mingħajr strumenti adegwati sa Ġunju 2026, f'kuntest fejn il-pressjoni migratorja u l-isfidi relatati mar-ritorni, mal-ġestjoni tal-fruntieri u mal-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jeħtieġu reazzjonijiet rapidi u effettivi. Din il-proposta għal regolament għandha tiġi kkunsidrata f'dan il-kuntest, u l-għan tagħha huwa li tikkonsolida l-applikazzjoni prattika tal-kunċett ta' "pajjiż ta' oriġini sikur", kunċett maħsub bħala strument ewlieni biex jiffaċilita u jħaffef l-eżami tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi u biex jiżgura ġestjoni aktar effiċjenti u kredibbli tas-sistema Ewropea tal-ażil.
F'kuntest bħal dan, huwa essenzjali li wieħed jipproċedi bil-ħeffa bl-eżami u bl-approvazzjoni

tal-proposta, filwaqt li jiġi evitat dewmien li jista' jdgħajjef l-effettività tagħha.
Kif antiċipat, il-proposta tiddeżinja pajjiżi kandidati u kandidat potenzjali wieħed (il-Kosovo) għall-adeżjoni mal-UE, kif ukoll sitt pajjiżi oħra (il-Bangladesh, il-Kolombja, l-Eġittu, l-Indja, il-Marokk u t-Tuneżija) bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. Skont ir-Regolament dwar il-proċedura tal-ażil, jekk applikant għall-protezzjoni internazzjonali jkun ġej minn pajjiż ta' oriġini sikur, l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu se jiġi aċċellerat u jitlesta fi żmien massimu ta' 3 xhur. Barra minn hekk, jekk l-applikant ikun għadu ma ġiex awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri, Stat Membru wieħed jista' jeżamina l-applikazzjoni bi proċedura mal-fruntiera.

Għalhekk, fir-rigward tad-deżinjazzjonijiet, naqblu mal-għażla tal-Kummissjoni li tinkludi fost il-pajjiżi ta' oriġini sikura dawk li kisbu l-istatus ta' kandidati jew kandidat potenzjali għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea. Nemmnu li għażla bħal din hija korretta u konsistenti mal-qafas ġuridiku attwali, peress li hija bbażata mhux biss fuq preżunzjoni awtomatika, iżda wkoll fuq analiżi teknika u f'diversi livelli mwettqa mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA). Din l-analiżi vvalutat bir-reqqa s-sitwazzjoni ġuridika, istituzzjonali u tad-drittijiet fundamentali f'kull pajjiż, irrispettivament mill-perkors tal-adeżjoni tiegħu.

Il-kriterji applikati huma dawk stabbiliti fir-Regolament dwar il-Kwalifiki (UE 2024/1347) u fir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil innifsu, u jinkludu l-verifika tan-nuqqas ta' persekuzzjoni sistemika, ta' ħsara serja u ta' ksur strutturali tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, id-deżinjazzjoni hija bbażata fuq parametri oġġettivi, verifikabbli u armonizzati fil-livell tal-Unjoni, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali u mal-prinċipji fundamentali tal-ordni ġuridiku Ewropew.

Fl-istess ħin, il-proposta tqis il-possibbiltà li jistgħu jinqalgħu xi problemi, u għal din ir-raġuni huwa previst mekkaniżmu ta' rieżami dinamika tal-lista, u dan jippermetti s-sospensjoni jew l-integrazzjoni mill-ġdid ta' deżinjazzjoni bħal din fid-dawl tas-sitwazzjoni li tkun qed tevolvi.
Madankollu, sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-Regolament fl-Istati Membri kollha u ċertezza ġuridika akbar, huwa meqjus xieraq li jiġu introdotti xi emendi għat-test, kemm biex jiġu ssostanzjati aħjar il-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw is-sospensjoni kif ukoll biex jiġi stabbilit mekkaniżmu ċar u kkoordinat biex jiġi ddeterminat meta pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni jistax jibqa' jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, jew meta jista' jiġi integrat mill-ġdid wara sospensjoni. Għalhekk jinħass li l-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjonijiet regolari u oġġettivi taċ-ċirkostanzi rilevanti u tikkomunika formalment l-eżitu ta' valutazzjonijiet bħal dawk lill-Istati Membri. Notifika bħal din għandha tkun disponibbli għall-pubbliku u għandha tidħol fis-seħħ b'mod uniformi madwar l-Unjoni kollha minn data speċifikata.

Barra minn hekk, naqblu wkoll mad-deżinjazzjoni tal-pajjiżi elenkati fl-Anness, peress li din tirrappreżenta pass konkret u meħtieġ biex tinbena sistema Ewropea tal-ażil verament komuni, koerenti u funzjonali. Għal darb' oħra nenfasizzaw li kwalunkwe deżinjazzjoni kienet ibbażata fuq analiżi teknika bir-reqqa mwettqa mill-EUAA, kienet ibbażata fuq sorsi kwalifikati u kriterji oġġettivi definiti fir-regolamenti Ewropej, u kienet trasparenti u aċċessibbli, filwaqt li saret disponibbli għall-Membri skont ir-regoli fis-seħħ u bil-possibiltà li jiġu aċċessati s-sorsi.
Il-pajjiżi inklużi ġew ivvalutati abbażi tal-kapaċità tagħhom li jiżguraw strutturalment in-nuqqas ta' persekuzzjoni u dannu serju, kif ukoll l-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' protezzjoni

ġuridika u istituzzjonali. Madankollu, il-preżunzjoni ta' sikurezza tista' tinqabeż f'każijiet individwali, f'konformità mal-prinċipju ta' valutazzjoni individwali u mad-dritt għal rimedju effettiv.

Fil-fatt, għandu jiġi enfasizzat li d-deżinjazzjoni bħala "pajjiż ta' oriġini sikur" tħalli spazju sħiħ għall-valutazzjoni individwali tal-applikazzjonijiet u għad-dritt ta' kull applikant li juri l-vulnerabbiltà proprja jew ir-riskju personali tiegħu, f'konformità mal-garanziji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ewropea. Fi kliem ieħor, il-proposta ma tneħħix il-prinċipju ta' valutazzjoni individwalizzata, iżda tintegrah f'sistema aktar effiċjenti, tnaqqas ir-riskju ta' abbuż, tippermetti li r-riżorsi jkunu kkonċentrati fuq l-aktar każijiet kumplessi u vulnerabbli, li bħalissa paradossalment huma ppenalizzati. L-applikazzjoni ta' proċeduri aċċellerati ma twassalx għal ċaħda tad-dritt għall-ażil, iżda għal razzjonalizzazzjoni tas-sistema, li bħalissa qed tbati minn piżijiet żejda u dewmien strutturali.

Infakkru wkoll li l-Kummissjoni Ewropea talbet lill-EUAA tiffoka l-analiżi tagħha fuq għadd limitat ta' pajjiżi, magħżula abbażi ta' kriterji oġġettivi, inkluża rata ta' rikonoxximent ta' anqas minn 5 %. Dan l-approċċ għamilha possibbli li tiġi stabbilita lista qasira operazzjonali, u din hija utli biex jinbeda l-proċess malajr. Madankollu, huwa ċar li din il-lista ma teżawrix l-applikazzjoni potenzjali tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur.
Dan jikkostitwixxi punt ta' tluq, li jista' jiġi emendat u estiż, anke fid-dawl ta' elementi oħra, inklużi d-deżinjazzjonijiet li diġà jinsabu fil-listi nazzjonali ta' ħafna Stati Membri.

Bħala konklużjoni, il-proposta tingħaqad bis-sħiħ mal-viżjoni strateġika tar-riforma tas-sistema Ewropea tal-ażil, li għandha l-għan li tegħleb l-ineffiċjenzi tal-passat u tibni mudell ibbażat fuq regoli ċari, fuq il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, fuq is-sigurtà u fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. L-adozzjoni bikrija tal-lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, flimkien mal-elementi l-oħra tal-proposta, tirrappreżenta mhux biss pass konkret lejn sistema aktar kredibbli u effiċjenti, iżda wkoll sinjal politiku qawwi: l-Unjoni tinsab lesta li taġixxi, biex tindirizza l-isfidi migratorji b'rigorożità, b'umanità, b'effettività u bi prospettiva.
L-appoġġ għal din il-proposta jfisser l-għażla ta' Ewropa li tkun aktar konsistenti mal-valuri tagħha, aktar sikura u aktar ġusta.
Dan ifisser li jkollna soluzzjonijiet operazzjonali li jsaħħu l-fiduċja taċ-ċittadini u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.